



Dokument ta' sessjoni

A9-0352/2023

9.11.2023

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*
(6551/2023 – C9-0142/2023 – 2020/0126(APP))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteur: Adrián Vázquez Lázara

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġizlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġizlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA	6
ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	8
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI	9
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI	10

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013
dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*
(6551/2023 – C9-0142/2023 – 2020/0126(APP))

(Proċedura leġiżlattiva speċjal - approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill (6551/2023),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 352 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0142/2023),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkmandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0352/2023),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' regolament tal-Kunsill;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea jiġi ppubblikat f'forma elettronika skont ir-Regolament (UE) Nru 216/2013 (“ir-Regolament”)¹.

Sabiex tiġi għarantita l-awtentiċità tal-Ġurnal Ufficijali, din il-pubblikazzjoni elettronika għandha ġġorr firma elettronika kwalifikata jew siġill elettroniku kwalifikat skont ir-Regolament (UE) Nru 910/2014².

L-awtentiċità, l-integrità u l-inalterabbiltà tal-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Ufficijali jistgħu jiġu għarantiti b'meżżi organizzattivi u tekniċi varji, li jipprovd garanziji komparattivi tas-sigurtà. Dawn il-meżżi jistgħu jinbidlu maż-żmien. Biex tiġi evitata l-ħtieġa li r-Regolament jiġi emendat ma' kull metodu jew teknoloġija ġodda jew ma' kull bidla ta' dettalji tekniċi, huwa propost li r-Regolament jiġi riformulat b'mod aktar ġeneriku.

Minkejja l-fatt li l-Ġurnal Ufficijali huwa, fil-prinċipju, inalterabbi, ġieli jinqalgħu sitwazzjonijiet fejn ikun meħtieġ li titneħħha ċerta informazzjoni mill-Ġurnal Ufficijali, wara li din tkun għet-ippubblikata. Tali każijiet ta' tneħħija jitwettqu bl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data jew abbażi ta' deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, din l-interferenza mar-regoli dwar l-awtentiċità għandha tkun regolata. L-emenda proposta mhux se tbiddel il-prattika li l-verżjoni oriġinali tal-ħargħ tal-Ġurnal Ufficijali kkonċernata mit-tneħħija ma tinbidilx fil-proċess u tinżamm fl-arkivji tal-Ufficiċċu tal-Pubblikazzjonijiet għal perjodu illimitat.

Skont ir-Regolament, il-Ġurnal Ufficijali ppubblikat f'forma elettronika biss huwa awtentiku u jiproduci effetti legali. Hemm biss eċċeżżjoni waħda għal din ir-regola (fl-Artikolu 3 tar-Regolament): f'sitwazzjonijiet fejn il-Ġurnal Ufficijali ma jistax jiġi ppubblikat minħabba interruzzjoni mhux prevista u eċċeżżjonali fis-sistema informatika tal-Ufficiċċu tal-Pubblikazzjonijiet. F'dawk il-każijiet, l-edizzjoni stampata biss tal-Ġurnal Ufficijali hija awtentika u tiproduci effetti legali. Ladarba s-sistema informatika terġa' tiġi stabbilita, edizzjoni elettronika ssir disponibbli għall-pubbliku. Din l-edizzjoni elettronika hija biss għal skopijiet ta' informazzjoni.

L-Ufficiċċu tal-Pubblikazzjonijiet daħħal fis-seħħ miżuri ta' kontinġenza, li jimminimizzaw ir-riskju li ma jkunx jista' jippubblika l-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Ufficijali u jagħmilha disponibbli fuq is-sit web tal-EUR-Lex.

L-introduzzjoni tal-edizzjoni elettronika awtentika tal-Ġurnal Ufficijali ssimplifikat l-aċċess għad-dritt tal-UE u żiedet iċ-ċertezza legali. Fuq il-bażi tal-istess raġunament, huwa preferibbli li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jserrħu kemm jista' jkun fuq il-verżjoni tal-Ġurnal Ufficijali li tkun saret disponibbli fuq is-sit web tal-EUR-Lex. Għalhekk, huwa propost li l-edizzjoni elettronika li tkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-EUR-Lex wara interruzzjoni tas-sistemi informatiċi ssir l-edizzjoni awtentika mill-mument li ssir disponibbli. Iċ-ċertezza legali mbagħad titlob li minn dak il-mument, l-edizzjoni preċedenti (stampata) ma

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 216/2013 tas-7 ta' Marzu 2013 (ĠU L 69, 13.3.2013, p. 1).

² Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

jibqax ikollha status awtentiku.

Fl-aħħar nett, mid-dħul fis-seħħi tar-Regolament, tliet ħarġiet tal-Ġurnal Uffiċjali biss ġew ippubblikati fl-edizzjoni stampata awtentika skont l-Artikolu 3 tiegħu³. F'konformità mar-räġunament spjegat hawn fuq, u sabiex tiġi żgurata l-koerenza, huwa xieraq li jiġu kkonferiti karattru awtentiku u effetti legali lill-edizzjonijiet elettroniċi korrispondenti ta' dawk l-edizzjonijiet stampati. Dawn l-edizzjonijiet huma bbażati fuq l-istess fajls awtentikati bħall-edizzjonijiet stampati u saru disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-EUR-Lex minnufih wara l-pubblikazzjoni tal-edizzjonijiet fuq il-karta. Għalhekk, iċ-ċertezza legali mhijiex se tiġi kkontestata mid-dispożizzjoni proposta f'dan ir-rigward.

Minħabba li l-ġhan tal-proposta huwa li tissimplifika l-pubblikazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali u l-accress taċ-ċittadini għalihi mingħajr ebda bidla għall-prinċipju tal-awtentiċità, ir-rapporteur jiproponi li l-Kumitat għall-Affarijiet Legali jirrakkomanda li l-Parlament jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal din il-proposta għal regolament tal-Kunsill.

³ ĠU L 347, 20.12.2013, ĠU L 221, 25.07.2014 u ĠU L 261I, 14.10.2019.

**ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Il-lista li ġejja tfasslet taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-rapporteur irċieva kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Ir-rapporteur jiddikjara li ma rċieva l-ebda kontribut mingħand xi entità jew persuna.

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

Titolu	Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 216/2013 dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea
Referenzi	06551/2023 – C9-0142/2023 – 2020/0126(APP)
Kumitat responsabblī Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	JURI 8.5.2023
Rapporteurs Data tal-ħatra	Adrián Vázquez Lázara 26.6.2023
Eżami fil-kumitat	24.10.2023
Data tal-adozzjoni	7.11.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 19 - : 0 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Ilana Cicurel, Angel Dzhambazki, Ibán García Del Blanco, Gilles Lebreton, Maria-Manuel Leitão-Marques, Karen Melchior, Sabrina Pignedoli, Franco Roberti, Raffaele Stancanelli, Adrián Vázquez Lázara, Axel Voss, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Alessandra Basso, Patrick Breyer, René Repasi
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Valérie Hayer, Luděk Niedermayer
Data tat-tressiq	10.11.2023

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

19	+
ECR	Angel Dzhambazki, Raffaele Stancanelli
ID	Alessandra Basso, Gilles Lebreton
NI	Sabrina Pignedoli
PPE	Luděk Niedermayer, Axel Voss, Marion Walsmann, Javier Zarzalejos, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Ilana Cicurel, Valérie Hayer, Karen Melchior, Adrián Vázquez Lázara
S&D	Ibán García Del Blanco, Maria-Manuel Leitão-Marques, René Repasi, Franco Roberti
Verts/ALE	Patrick Breyer

0	-

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

